# REĠJUN TRAMUNTANA

112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar SPB 2617, Malta.

**Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 11 ta' 2021, miżmuma nhar is-27 ta' Novembru 2021, ġewwa New Dolmen Hotel – Buġibba.**

Il-Laqgħa bdiet fit-tmienja u nofs ta' filgħodu.

Preżenti

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Anton Mifsud | | President |
| • Paul Vella | Mġarr LC | Viċi President |
| • Christianne Mifsud | Mtarfa LC | Membru |
| • John Buttigieg | Mellieħa LC | Membru |
| • Raymond Schembri | Dingli LC | Membru |
| • Mary Anne Abela | Swieqi LC | Membru |
| • Daryl Connor | San Pawl il-Baħar | Membru |
| • A.M.Muscat Fenech Adami | Naxxar LC (online) | Membru |
| • Romilda B. Zarb | Mosta LC | Membru |

Membri Skużati:

| | | |
|---|---|---|
| • Matthew Chetcuti | Rabat LC | Member |

Membri Assenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Abraham Aquilina | Għargħur LC | Membru |
| • Omar el Arab | Pembroke LC (online) | Membru Delegat |
| • Peter Sant Manduca | Mdina LC | Membru |

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla

Preżenti ukoll kien hemm is-Sur Clifford Galea u s-Sur Stephen Gatt.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

1. AĠENDA

11.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

11.3 Komunikazzjoni tal-President;

11.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri:

11.5 Kumunikazjoni

11.6 Rapporti;

Audit report and reply

3rd quarter management accounts

11.7 Affarijiet oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

11.7.1 Regjun Tramuntana The Malta International Choir Festival

11.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

11.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-Laqgħa nfetħet mil-President Anton Mifsud. Bdiet fit-08:30hrs. Is-Sur Mifsud fetaħ il-laqgħa billi rringrazzja lill-membri tal-attendenza.

## - Qari t' Apoloġiji

Is-Sinjuri Peter Sant Manduca, Romilda B Zarb u Matthew Chetcuti kienu skużati.

## - Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Minuti tal-laqgħa numru 10 ta' 2021, miżmuma f'Ottubru, ittieħdu bħala moqrija. Paul Vella ippropona li jkunu approvati. Christianne Mifsud issekondat il-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

Punti Mqajma mill-minuti:
Choir Fetsival – Is-SE ta spjegazzjoni ta' x'kien ser isir fir-Reġjun Tramuntana International Choir Festival. Dan kien ser jittella' fuq 3 ijiem ġo ħames knejjes. Ser ikun hemm tliet korijiet barranin, iżda l-maġġoranza tal-choirs kienu Maltin. Raymond Schembri staqsa kif intagħżlu l-knejjes. Is-SE spjega li talab lill-kordinatur jara liema knejjes setgħu jospitaw din l-attivita. Talbu wkoll jara li jintużaw l-ikbar knejjes possibli minħabba r-restrizzjonijiet tal-pandemija. Is-Sur Schembri talab jekk hux possibli jsiru xi attivitajiet il-Ħadd filgħodu. Il-President talab lis-SE jara jekk hux possibli li filgħodu jkun hemm korijiet li jattendu. Is-SE qal li ser jara x'jista jsir fuq din it-talba. Mistoqsi dwar spejjeż, is-SE qal li l-kordinatur ser jitħallas 5000 ewro biex jieħu

ħsieb l-organizzazjoni kollha ta’ dan il-festival, li tinkludi parteċipazzjoni ta’ kor barrani; 1500 għal kull kor barrani addizzjonali, u l-ħlas tal-korijiet Maltin, knejjes, preżentaturi u spejjeż oħra.

Komunikazzjoni mil-President

Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

.

– Komunikazzjoni

– Rapporti

Is-SE ippreżenta r-rapport tal-Awditur u r-risposta lill-Awditur Ġenerali fuq ir-rapport. Waħda mill-punti mqajma kienet li r-Reġjun qed iħallas għal insurance tal-affarijiet fuq new for old principle minflok kif jixtieqi l-awdituri fuq net book value. Is-SE spjega li meta tkellem mal-Broker, dan qallu li insurance ma ssirx fuq net book value, iżda fuq il-valur inizjali tal-prodott. Spjega ukoll li meta nħadmet il-kwotazzjoni, irriżulta li kull ma jifranka r-Reġjun ikun madwar 20 ewro. Għaldaqstant, il-membri talbu lis-SE ikompli jżomm l-insurance fuq new for old principle, u mhux fuq net book value. Anton Mifsud propona li r-rapport ikun approvat. Raymond Schembri issekonda. Il-membri qablu unanimament.

Is-SE talab li l-laqgħa tkun imwaqfa sabiex titkellem l-accountant. Christianne Mifsud proponiet li titqawwaf il-laqgħa. Romilda B Zarb issekondat. Il-laqgħa twaqfet. Wara li saret il-preżentazzjoini, il-laqgħa tkompliet. Anne Marie Muscat Fenech Adami proponiet li t-tielet rapport tal-management accounts 2021 ikun approvat. Christanne Mifsud issekondat il-Mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

– Affarijiet oħra

Anne Marie Muscat Fenech Adami saqsiet jekk hux possibli li r-Reġjun jgħin lill-Kunsill b’fondi għas-sistema tad-dwal tat-toroq. Is-SE spjega li r-Reġjun qed jiprovdi s-servizz tal-Contract Manager kif ukoll is-sistema elettronika tal-immaniġjar tad-dawl. Mistoqsi jekk hux possibli li r-Reġjun jgħin direttament fix-xiri tad-dwal, is-SE wieġeb li l-Kunsilli għandhom allokazzjoni diretta għal dan il-għan. Numru ta’ membri ikkonfermaw li hemm allokazzjoni diretta u li dan huwa xogħol dirett tal-Kunsill.

Romilda B Zarb ipproponiet li r-Reġjun jieħu ħsieb li jsir studju fuq storm water management u culverts, u kif dawn qed jaffettwaw lil Kunsili oħra. Dan wara l-għargħar li seħħew fil-ġimgħat ta’ qabel. Paul Vella u Anne Marie issekondaw il-Mozzjoni. Il-Membri qablu li dan l-istudju għandu jsir.

Kien ukoll mitlub li jsir studju fuq il-ħitan tas-sejjieħ u naraw jekk hux possibli li jkun hemm xi forma ta’ għajnuna Reġjonali. Kien ukoll diskuss li r-Reġjun jara jistax jikkordina tender Reġjonali għall-kuntratturi. Is-SE qal li dawn iż-żewġ proposti għandu jsir working group fuqhom biex jitfassal qafas ta’ kif jiistgħu isiru flimkien mal-Kunsilli.

Christianne Mifsud proponiet li r-Reġjun għandu jgħati tifkira lill-membri tiegħu qabel ma tgħalaq is-sena ġa la darba 2022 ser tinbidel il-kompożizzjoni tar-Reġjun. Raymond Schembri issekonda din il-mozzjoni. Il-membri qablu. Is-SE intalab jieħu ħsieb din u jippreżenta din it-tifkira fl-attivita ta’ team building li għandu r-Reġjun fl-10 ta’ Diċembru.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

## Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-iskeda 144 kienet preżentata. Paul Vella ippropona li tkun approvata. Christianne Mifsud issekondat il-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

## Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fl-għaxra ta’ filgħodu.
Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Ġimgħa 10 ta’ Dicembru 2021, fis-sitta ta’ filgħaxija.

_________________________ _____________________________

| | |
|---|---|
| Anton Mifsud | George Abdilla |
| President | Segretarju Eżekuttiv |

Approvati llum 10 ta’ Diċembru 2021.